MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 4/1995/1

**Supermarkets (1960) Limited**

**vs**

**Mario Cachia f' ismu propju u bhala mandatarju tal-imsiefer Stephen sive Steve Cachia u Carmen Cachia, Inez mart Victor Borg, Victoria Grech, Polly Grech, Natalie Grech u Edward Grech u b' digriet tat-2 ta' Frar 2000 stante il-mewt ta' Edward Grech l-atti gew trasfuzi f' isem il-werrieta tieghu Natalie Grech u b' digriet tal-24 ta' April gie revokat id-digriet tat-2 ta' Frar u l-atti gew trasfuzi, stante il-mewt ta' Edward Grech, f' isem Emma Grech.**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta’ Novembru, 2001 il-Bord li Jirregola l-Kiri tar-Raba ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra c-citazzjoni fejn is-socjeta attrici qalet li:

Peress li b' rikors li ppresentaw quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera atturi ppremettew li Supermarkets (1960) Limited tikri minghand l-intimati l-fond maghruf bhala Supermarket Limited f' The Strand, Sliema; Illi l-kera huwa LM4410.00 fis-sena u l-intimati gharfuhom li bi hsiebhom ighollu l-kera ghal tmint elef liri Maltin (Lm8000.00,0) fis-sena jithallas bit-tlett xhur bil-quddiem;

Peress li l-atturi ziedu qalu li din it-talba m' ghandhiex tigi milqugha ghal diversi ragunijiet fosthom li l-kera mitluba hija esagerata u kontra l-ligi; illi jirrizulta li sid il-kera qieghed jitlob zieda ta' 81% meta: Il-kera huwa diga ghaoli u hafna ghola minn diversi hwienet fil-vicinanzi. L-atturi ghandhom spejjes kbar f' manteniment ta' l-istess post u sid il-kera fil-fatt lanqas huwa s-sid tal-post izda ghandu l-post b' cens temporanju mis-sidien u jhallas biss ftit lir cens fis-sena u ghalhekk talbu li jigu michuda t-talbiet ghal awment fil-kirja.

Peress li l-intimati irrispondew li l-kera prezenti huwa ta' Lm1102.50 kull tlett xhur u skond kuntratt tal-11 ta' Ottubru 1976 ir-rikorrenti obbligaw ruhhom li wara l-perjodu ta' hmistax il-sena mid-data tal-kuntratt huma kellhom jiftehmu kera xieraq ghal dan il-fond. L-intimati komplew qalu li r- rikorrenti naqsu li jaghmluh tant li ma accettawx li jersqu ghal ftehim tal-kera li ghandu jithallas ghall-fond; illi l-kera prezenti ma hux wiehed xieraq peress li hu baxx wisq tenut kont ghall-kobor tal-fond, il-lokalita' ottimali tieghu u l-kera li jithallas mill-inkwilin ta' fondi fil-vicinanzi u ghalhekk talbu li r-rikorrenti jottomperaw ruhhom mal-ftehim precitat tal-11 ta' Ottubru 1976 u jekk ikun il-kaz jigi ffiassat il-kera xieraq tal-fond "Supermarket Limited", The Strand Sliema.

Peress li b' rapport li ppresentaw il-Membri Teknici tal-Bord gie ddikjarat li l-Membri Teknici wara li ghamlu l-kalkoli necessarji, waslu ghall-konkluzzjoni li l-kera xieraq

ghal-lum, li ma jeccedix b' aktar minn 40% il-kera li bih seta' kien mikri fil-1914 ghandu ikun ta' Lm6500 fis-sena bil-kundizzjoni li x-xoghol ta' manutensjoni ordinarja jkun ghak-kariku tal-inkwilin u x-xoghol l-iehor ghall-kariku tas-sid.

Peress li l-partijiet ma gewx informati bil-kontenut ta' din id-decisjoni  qabel s-sentenza u ghalhekk ma kien hemm ebda opportunita li jitrattaw u jissotomettu l-punti taghhom dwar l-istess.

Peress li b' sentenza tal-25 ta' Lulju 1995, wara li gie anness ir-rapport fuq imsemmi, iddikjara li l-kera xieraq tal-fond in kwistjoni, li ma jeccedix b' aktar minn 40% il-kera li bih seta kien mikri l-istess fond skond il-ligi, ghandu jkun ta' sitt elef u hames mitt lira Maltija (Lm6500) fis-sena oltre kondizzjonijiet ohra kif kontenuti fl-istess rapport.

Peress li jirrizulta minghajr dubju li huwa skorrett d-decisjoni tal-membri teknici tal-Bord billi ma jistax ikun li l-post in kwistjoni seta inkera f' 1914 bil-prezz ta' Lm4642 fis-sena.

Peress li jista jigi malajr stabilit li b' kera ta' Lm4642 fis-sena f' 1914 wiehed seta jiehu kwazi nofs l-area ta' Sliema u mhux hanut tad-daqs in kwistjoni.

Peress li jirrizulta ukoll li l-Bord biddel kundizzjonijiet ohra tal-kirja meta ma kienx hemm talba ghal dan fir-rikors promotorju

Peress li fis-sentenza hemm zball manifest billi l-Bord iddikjara:

"li l-kera xieraq tal-fond in kwistjoni, li ma jeccedix b' aktar minn 40% il-kera li bih seta kien mikri l-istess fond skond il-ligi ghandu ikun ta' sitt elef u hames mitt lira Maltija (Lm6500)."

meta fil-fatt l-Bord kellu jikkunsidra il-kera xieraq ghal lum, li ma' jeccedix b' aktar minn 40% il-kera li bih seta' kien mikri fil-1914.

Peress li ghalhekk s-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-attijiet jew dokumenti tal-kawza u ghlhekk hemm lok ta' ritratazzjoni ai termini tal-artikolu 811 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Peress li hemm ukoll lok ghar-ritrattazzjoni ai termini tal-artikolu 811 (f) ta' l-istess Kap 12 billi fis-sentenza giet moghtija fuq haga m' hix imdahhla fit-talba.

Peress li s-sentenza applikat il-ligi hazin billi ma ikkunsidraxx il-valur tal-post f' 1914 u ghalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni ai termini tal-artikolu 811 (e).

Jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara li hemm lok ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera fl-ismijiet John Mattei et vs. Mario Cachia pro et noe rikors numru. 166B/94 deciza fil-25 ta' Lulju 1995 billi s-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-attijiet jew dokumenti tal-kawza u ghalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni ai termini tal-artikolu 811 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tiddikjara li li hemm ukoll lok ghar-ritrattazzjoni ta' l-istess sentenza ai termini tal-artikolu 811 (f) ta' l-istess Kap 12 billi fis-sentenza giet moghtija fuq haga m' hix imdahhla fit-talba.

3. Tiddikjara li hemm lok ukoll ghar-ritrattazzjoni ta' l-istess sentenza billi s-sentenza applikat il-ligi hazin billi ma ikkunsidrax il-valur tal-post f' 1914 u ghalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni ai termini tal-artikolu 811 (e).

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa ta' John Mattei ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta'.

Ra l-lista tax-xhieda;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra <u>in-nota ta' eccezzjonijiet</u> ta' Mario Cachia:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti mhuwiex mandatarji ta' Stephen Cachia.

2. Illi fit-tieni lok, l-eventwali gudizzju f' dina l-kawza ma jistax ikun integru peress li c-citazzjoni odjerna flimkien mad-dikjarazzjoni ma gewx notifikati lil partijiet kollha kif jirrikjedi l-artikolu 185 tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta.

3. Illi fit-tielet lok, ic-citazzjoni hija irrita u nulla stante li l-atturi ma talbux lil dan il-bord sabiex okkorrendo, l-ewwel jirrevoka is-sentenza tieghu tal-25 ta' Lulju, 1995 qabel ma jghaddi ghall-eventwali konsiderazzjonijiet dwar ir-ritrattazzjoni tal-kawza.

4. Illi fir-raba' lok, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda peress li minn imkien fl-atti jew dokumenti tal-kawza ma jirrizulta li kien hemm zball kif jirrikjedi l-artikolu 811 (1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u allura s-sentenza ta' dan il-Bord tal-25 ta' Lulju, 1995 ma setghet qatt kienet effett ta' tali zball.

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda wkoll billi d-decizjoni tal-Bord inghata skond ir-rikors promotur u l-ittra ufficjali tal-intimati tat-22 ta' Gunju, 1994 li giet pprezentata ai termini tal-artikolu 14 et seq tal-Kap 69 u ghalhekk ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni ab bazi tal-artikolu 811 (f) tal-Kap. 12.

6. Illi fis-sitt lok u minghjar pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda wkoll peress li mhux biss ma hemm l-ebda dubbju li s-sentenza applikat il-ligi gusta kif tinsab fil-provvedimenti tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma hemmx lok ta ritrattazzjoni skond il-paragrafu 811 (e) tal-Kap 12.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet ta' Stephen Cachia, Carmen Wareing, Polly Grech, emma Grech u Inez Borg:

1. Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni intavolata mill-atturi hija tardiva peress li ma gietx pprezentata fit-terminu stabbilit mill-Art. 818 (1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fit-tieni lok, l-eventwali gudizzju f' dina l-kawza ma jistax ikun integru peress li c-citazzjoni odjerna flimkien mad-dikjarazzjoni ma gewx notifikati lil partijiet kollha kif jirrikjedi l-artikolu 185 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fit-tielet lok, ic-citazzjoni hija irrita u nulla stante li l-atturi ma talbux lil dan il-Bord sabiex okkorrendo, l-ewwel jirrevoka is-sentenza tieghu tal-25 ta' Lulju, 1995 qabel ma jghaddi ghall-eventwali konsiderazzjoni dwar ir-ritrattazzjoni tal-kawza.

4. Illi fir-raba' lok, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda peress li minn imkien fl-atti jew dokumenti tal-kawza ma jirrizulta li kien hemm zball kif jirrikjedi l-artikolu 811 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u allura s-sentenza ta' dan il-Bord tal-25 ta' Lulju, 1995 ma setghet qatt kienet effett ta' tali zball.

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda wkoll billi d-decizjoni tal-bord inghata skond ir-rikors promotur u l-ittra ufficjali tal-intimati tat-22 ta' Gunju, 1994 li giet pprezentata ai termini tal-artikolu 14 et seq tal-Kap 69 u ghalhekk ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni ab bazi tal-artikolu 811(f) tal-Kap.12.

6. Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda wkoll peress li mhux biss ma hemm l-ebda dubbju li s-sentenza applikat il-ligi gusta kif tinsab fil-provvedimenti tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma hemmx lok ta' ritrttazzjoni skond il-paragrafu 811 (e) tal-Kap 12.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti kollha;

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati;

Ra l-verbal tas-17 ta’ Ottubru 2001;

Ikkunsidra,

Illi din hija kawza ta’ smiegh mill-gdid ta’ sentenza moghtija mill-Bord Li Jirregola l-Kera fil-25 ta’ Lulju 1995:

Ra r-rikors fejn ir-rikorrenti nomine ppremettew illi s-socjeta’ Supermarkets (1960) Limited tikri minghand l-intimati l-fond maghruf bhala Supermarket Limited f’ the Strand Sliema; illi l-kera ta’ llum huwa erbat elef erba’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm4410.00,0) fis-sena u Paul Grech et gharrfu lill-esponenti bl-ittra ufficcjali tat-22 ta’ Gunju, 1994 li kopja taghha hija annessa, li bi hsiebhom ighollu l-kera ghal tmint elef liri Maltin (Lm8000.00,0) fis-sena jithallas bit-tlett (3) xhur bil-quddiem; illi t-talba ta’ sid il-kera m’ ghandiex tigi milqugha ghal diversi ragunijiet fosthom li l-kera mitluba hija esagerata u kontra l-ligi; illi jirrizulta li sid il-kera qieghed jitlob zieda ta’ 81% meta:- 1. Il-kera huwa diga’ gholi u hafna ghola minn diversi hwienet fil-vicinanzi; 2. L-esponenti ghandhom spejjes kbar f’ manteniment ta’ l-istess post u 3. Sid il-kera fil-fatt lanqas huwa s-sid tal-post izda ghandu l-post b’ cens temporanju mis-sidien u jhallas biss ftit liri cens fis-sena u ghalhekk ir-rikorrenti nominee talbu li in vista tal-premess jigu michuda it-talbiet ghal-awment fil-kirja kif proposti mill-intimati fl-ittra uffiicjali taghhom tat-22 ta’ Gunju, 1994, u li jigu kkonfermati l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni vigenti;

Ra r-risposta tal-intimati fejn gie sottomess illi r-rikorrenti pprezentaw rikors quddiem dan il-Bord fejn talbuh jichad l-awment fil-kera propost mill-esponenti fl-ittra ufficjali taghhom tat-22 ta’ Gunju, 1994; illi fl-ewwel lok il-gudizzju

eventwali ta’ dan il-bord ma jistax ikun integru peress li ma gewx intimati s-sidien kollha tal-kera, u inoltre, Mario Grech ma hux sid il-kera; illi l-kera prezenti huwa ta’ elf mija u zewg liri maltija u hamsin centezmu (Lm1102.50,0) kull tlett xhur; illi skond kuntratt tal-11 ta’ Ottubru, 1976, ir-rikorrenti obbligaw ruhhom li wara l-perjodu ta’ hmistax –il sena mid-data tal-kuntratt huma kellhom jiftehmu kera xieraq ghal dan il-fond. Dan ir-rikorrenti naqsu li jaghmluh tant li ma accettawx li jersqu ghall-ftehim tal-kera li ghandu jithallas ghall-fond; illi l-kera prezenti ma hux wiehed xieraq peress li hu baxx wisq tenut kont ghall-kobor tal-fond, il-lokalita’ ottimali tieghu, u l-kera li jithallas mill-inkwilin ta’ fondi fil-vicinanzi u ghalhekk l-intimati talbu sabiex wara li r-rikorrenti jottemperaw ruhhom mal-ftehim precitat tal-11 ta’ Ottubru, 1976, jekk ikun il-kaz, jigin ffissat il-kera xieraq tal-fond “Supermarket Limited”, The Strand , Sliema;

Ra il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Jannar 1995 minn fejn jirrizulta illi l-intimati, wara li saret korrezzjoni fir-rikors promotur, irrinunzjaw ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Marzu 1995 u dawk tas-seduti sussegwenti;

Ikkonsidra:

Mir-rapport tal-membri teknici tal-Bord, liema rapport qed jigi hawn anness u ghandu jitqies bhala formanti parti integrali mill-presenti sentenza, kjirrizulta illi l-kera xieraq tal-fond in kwistjoni, li ma jeccedix b’ katar minn 40% il-kera li bih seta kien mikri l-istess fond skond il-ligi, ghandu jkun ta sitt elef u hames mitt lira maltija (Lm6500) fis-sena oltre kondizzjonijet ohra kif kontenuti fl-istess rapport;

In vista tal-premess:

Jiddeciedi billi jiffissa l-kera tal-fond in kwistjoni fis-somma ta’ Lm6500 fis-sena, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, b’ effett mill-ewwel skadenza wara d-data tan-notifika lir-

rikorrenti nominee tal-ittra ufficjali tal-intimati tat-22 ta' Gunju 1994 u bil-kondizzjonijiet kollha kif kontenuti fl-imsemmi rapport tal-membri teknici tal-Bord;

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Parti shiha minn din is-sentenza huwa r-rapport tal-membri teknici mahtura mill-Bord:

Il-Membri Teknici tal-Bord ezaminaw il-fond in kwistjoni sabiex jiffissaw il-kera tieghu, skond l-Ordinanza Numru XXI tal-1931, u wara li ghamlu l-kalkoli necessarji, waslu ghall-konkluzzjoni li l-kera xieraq ghal-lum, li ma' jeccedix b' aktar minn 40% il-kera li bih seta' kien mikri fil-1914, ghandu jkun ta' Lm6500 fis-sena bil-kondizzjoni li x-xoghol ta' manutenzjoni ordinarja jkun ghak-kariku tal-inkwilin u x-xoghol l-iehor kollu ghak-kariku tas-sid.

Ikkunsidra:

1. Illi l-eccezzjoni moghtija minn Mario Cachia li hu m' hux mandatarju ta' Stephen Cachia u l-eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra li c-citazzjoni u d-dikjarazzjoni ma gewx notifikati lill-partijiet kollha gew sorvolati. (ara verbali tal-4 ta' Lulju 2001 u tas-17 ta' Ottubru 2001)

2. L-eccezzjoni li ghandu quddiemu l-Bord u li skond il-ligi trid tigi deciza l-ewwel hi:

"ic-citazzjoni hija irita u nulla stante li l-atturi ma talbux lil dan il-Bord sabiex okkorrendo, l-ewwel jirrevoka is-sentenza tieghu tal-25 ta' Lulju 1995 qabel ma jghaddi ghall-eventwali konsiderazzjonijiet dwar ir-ritrattazzjoni tal-kawza."

Din l-eccezzjoni giet moghtija mill-konvenuti kollha.

3. Il-konvenuti jaghmlu referenza ghall-artikolu 811 tal-Kap 12.

“Kawza deciza b’ sentenza moghtija fi grad ta’ appell tista’, fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza……..”

u jghidu li la fic-citazzjoni ma ntalabx it-thassir tas-sentenza moghtija mill-Bord Li Jirregola l-Kera fil-25 ta’ Lulju 1995, l-istess citazzjoni hi irita u nulla. Jaghmlu referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-appell in re “Brincat noe vs Mizzi noe” fl-24 ta’ April 1996.

4. L-atturi jaghmlu referenza ghall-artikolu 789 tal-Kap 12.

“(1) L-eccezzjoni ta’ nullita’ ta’ l-atti gjudizjarji tista’ tinghata:

(a) jekk in-nullita’ hija ddikjarata mill-ligi espressament;

(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;

(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi, wkoll jekk mhux taht jiena ta’ nullita’ kemm –il darba dik il-vjolazzjoni tkun gabet, lill-parti li titlob in-nullita’, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ ohra hlief billi l-att jigi annullat;

(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita’ essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:

Izda dik l-eccezzjoni ta’ nullita’ hija mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta’ dan is-subartikolu ma tkunx tista’ tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew that kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.

(2) L-eccezzjoni ta’ nullita’ ta’ att, that il-paragrafu (c) “tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita’.”

F’ dan il-kaz dan l-artikolu mhux applikabbli ghar-ragunijiet li ser jissemmew aktar ‘l quddiem.

5. Fic-citazzjoni qed tintalab dikjarazzjoni “li hemm lok ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera fl-ismijiet John Mattei et vs Mario Cachia pro et noe’, rikors numru 166B/94 deciza fil-25 ta’ Gunju 1995”

(a) billi s-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-attijiet jew dokumenti tal-kawzi u ghalhekk hemm lok ta’ ritrattazzjoni ai termini tal-art 811(1).

(b) billi is-sentenza giet moghtija fuq haga mhiex imdahhla fit-talba – art 811 (f)

(c) billi s-sentenza applikat il-ligi hazin billi ma ikkunsidratx il-valur tal-post fl-1914 u ghalhekk hemm lok ta’ ritrattazzjoni ai termini tal-artikolu 811(e)

6. L-art 811 tal-Kap 12 jipprovdi illi “kawza deciza……tista’, fuq ttalba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ghal xi wahda mir-ragunijiet li l-artikolu jelenka. Hu car illi hi kondizzjoni sine que non ta’ din il-procedura specjali illi qabel ma kawza tigi trattata mill-gdid, trid tkun giet revokata u mhassra s-sentenza li tkun impenjata. Mhux lecitu ghall-Bord allura li jibda jikkunsidra u jitratta mill-gdid il-kawza jekk ma jkunx qabel annulla is-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni u dana wara d-debita verifika li jkunu jokkorru cirkostanzi li jiggustifikaw li dan isir fit-terminu ta’ xi wiehed jew aktar mis-subincizi ta’ l-art 811. Verifika li l-Qorti tista’ taghmel biss jekk ikun hemm talba ad hoc mir-ritrattand li s-sentenza attakkata tigi qabel xejn imhassra. (ara ‘Brincat noe vs Mizzi noe’, App. 24/4/96 ghall-gabra ta’ gurisprudenza fuq is-suggett)

7. Is-socjeta’ qed titlob dikjarazzjoni li hemm lok ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza fuq tlett sub-incizi ta’ l-art 811. L-art 820 jghid li “ meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tigi milqugha bit-thassir tas-sentenza attakkata, il-kawza tigi

mismugha mill-gdid fil-mertu…….” Artiklu li jissotolinea r-rekwizit sine que non li tithassar is-sentenza allokkata. Thassir li ma jistax isir jekk ma’ jkunx hemm talba ad hoc tar-ritrattand. Talba ghad-dikjarazzjoni li hemm lok ghar-ritrattazzjoni bl-ebda mod ma tista’ twassal biex tissodisfa r-rekwizit tal-ligi ghalkemm fejn hu possibli u sa fejn il-ligi tippermetti li hekk isir, l-Bord ghandu jsalva procedura fl-interess tal-gustizzja sostanzjali.

8. Talbiet ghal dikjarazzjoni li hemm lok ghar-ritrattazzjoni (1) minhabba li sentenza kienet l-effet ta’ zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza, (2) minhabba li s-sentenza giet moghtija fuq haga mhiex imdahhla fit-talba u (3) minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi bl-ebda mod u bl-ebda tigbid ta’ interpretazzjoni (mhux permess f’ din is-sura ta’ procedura) ma jistghu jigu meqjusa bhala li jfissru talba ghat-thassir u revoka ta’ sentenza. Mhux kull ma hu kuntrarju ghall-ligi hu null jew annullabbli. Dak li hu null jew annullabbli jigi mhassar biss jekk issir talba ghalhekk lill-Bord u li tigi deciza wara li jinstemghu l-partijiet. Ir-rexizzjoni mhix allura konsegwenza naturali u inevitabbli tad-dikjarazzjonijiet mitluba. Il-qorti ma tistax tiddikjara n-nullita’ ta’ sentenza jekk ma jkollhiex talba quddiemha biex taghmel hekk. (it-tifsira moghtija mill-abili difensur tas-socjeta’ ritrattand dwar it-talba ghat-thassir ta’ sentenza iggieb fix-xejn il-ligi li titlob li ssir talba ghat-thassir)

9. Fic-citazzjoni ma giex kompriz dak l-istadju imsejjah “in rescindente’. Fil-kaz ‘Ciappara vs Zammit’ (Vol XXXIX – 3-894) fejn ir-rittrattand kien talab qabel xejn dikjarazzjoni mill-Qorti li s-sentenza inpunjata ittiehdet b’ qerq u ma talabx li dik is-sentenza tigi mhassra u talab biss li l-Qorti tisma’ t-trattazzjoni mill-gdid, il-Qorti iddecidiet li l-procedura kienet irrita u nulla. Il-gurisprudenza tghallem li

“is-smiegh mill-gdid qatt ma jista’ jsir qabel ma titnehha s-sentenza ta’ qabel, u s-sentenza ta’ qabel ma tistax tithassar minghajr talba ‘ad hoc’; u xejn ma jiswa li wiehed jghid li meta jintalab is-smiegh mill-gdid tkun b’ daqshekk miftehma t-talba biex tithassar is-sentenza ta’ qabel”

(Lanzon vs Lanzon, 24/1/35, Vol XXIX –11-281) (ara wkoll Vol XXI-11-117; XXIX-11-281; XXVI-1-622)

10. Saret referenza minn naha tas-socjeta' ritrattandi ghas-sentenza in re 'Herrera noe vs Cassar et noe' fejn tqajjmet il-kwistjoni jekk il-procediment sommarju maghruf bhala l-procedura bil-giljottina setghax jissustissi bhala procediment ordinarju meta aktar minn rekwizit wiehed, necessarju kienu nieqsa. (App. Kum. 5/10/92). Saret referenza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-appell (Sede Kummercjali) in re 'Carbone noe vs Mizzi et noe fil-15 ta' Frar 1993 li kienet dwar 'gudizju kollettiv' fejn citazzjoni koncepita bl-aktar mod vag giet dikjarata nulla. L-ebda argument ma jista' jigi mibni fuq is-sentenzi msemmija li jghodd ghal kaz li ghandu quddiemu l-Bord illum.

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u jiddikjara c-citazzjoni irrita u nulla, jillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gjudizzju; l-ispejjez jithallsu mis-socjeta' attrici barra dawk relattivi ghall-mandat ta' skorta tat-18 ta' Marzu 1997 li ghandhom jithallsu mill-konvenut Mario Cachia."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi hi ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni li l-Bord li Jirregola l-Kera akkorda lill-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Hi ssostni illi dan id-dispost tal-ligi ghandu jigi mfisser fis-sens illi ma hijiex rikjesta talba specifika 'ad hoc' biex tigi mhassra s-sentenza attakkata. Konsegwentement, tikkonkludi, illi c-citazzjoni taghha, kif formulata, tirrivesti r-rekwiziti essenzjali li trid il-ligi.

Hu ta' vitali importanza f'materja ta' ritrattazzjoni ta' kawza deciza illi wiehed izomm dejjem in mira dawn l-aspetti ta' dan l-istitut, u cjoe illi:-

(a) dan hu ta' <u>indoli straordinarja</u> – **Vol XXIX pI p795**; **Vol XLII pI p227**; u
(b) governat minn regoli ta' "<u>strettissima interpretatione</u>" (Vol VI p345) u mhux "suscettibili di una interpretazione

estensiva ma della sola letterale” (**Vol XXI pII p117**; **Vol XXVI pI p622**).

Huwa daqstant iehor vitali illi wiehed ifakkar illi l-gudizzju ta’ ritrattazzjoni hu maghmul minn zewg stadji distinti li ghandhom jinzammu separati u ma jistghux jigu akkumulati jew konfuzi flimkien.

Kif intqal fid-decizjoni riportata a **Vol XXII pIII p235**, “il gudizio di ritrattazione ha un doppio oggetto: quello di fare annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato, e l’altro di riaprire la trattazione della causa e provocare una altra sentenza, e si compone di due stadi distinti da non confondersi l’uno coll’altro, detti dei pratici il rescindente ed il rescissorio”.

Fi kliem iehor, “oggett tal-ewwel stadju hu li tigi annullata s-sentenza bejn il-partijiet li tkun saret gudikat; skop tat-tieni stadju hu li terga’ ssir it-trattazzjoni tal-kawza u tigi moghtija sentenza gdida.” (**Vol XLVI pI p90**)

Issa fil-kaz prezenti u hawn trattat is-socjeta` appellanti tinsisti illi mhux necessarju illi l-ewwel stadju jingieb il-quddiem f’forma ta’ talba appozita u ‘ad hoc’ in kwantu tirritjeni illi tali domanda hi mplicita fit-talba ghar-ritrattazzjoni. Biex issostni tali posizzjoni s-socjeta` appellanti tigbed analogiji jew inferenzi minn bosta ezemplari ta’ gudikati ohra.

Il-Qorti pero` tinnota illi l-ebda ezempju illustrat mis-socjeta’ appellanti ma ghandu rabta ma’ kawza ta’ ritrattazzjoni. Tinnota, inoltre, illi lis-socjeta` appellanti sfuggiela ghal kollox il-fatt bazilari u kostantement affermat illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju u ghandu regoli partikolari, kif fuq manifest u espress.

Is-socjeta` appellanti tiehu spunt, in sostenn tal-aggravju taghha, mill-kliem ta’ l-Artikolu 811 biex turi li r-revoka tas-sentenza ma ghandiex bzonn li ssir b’talba ‘ad hoc’. Dan taghmlu b’riflessjoni tal-kliem “kawza deciza … … tista’ fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha nteress, tigi

ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza … …"

Ghall-kuntrarju ta' dak li setghet fehmet is-socjeta` appellanti, ghall-Qrati taghna dawn il-kliem dejjem gew ritenuti bhala li jimportaw il-htiega ta' talba espressa ghar-revoka tas-sentenza impunjata. Ara, inter alia, decizjonijiet a **Vol XX pI p241**; **XXXIII pI p753** u **XXXIX pIII p894**.

Ir-ragunament tal-Qrati hu rafforzat mill-kliem ta' l-Artikolu 820 (1) tal-Kap 12 li jiddisponi illi "meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tigi milqugha bit-thassir tas-sentenza attakkata, l-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-meritu, fl-istess gurnata jew f'ohra li tiddestina l-qorti".

Dan id-dispost jindika kjarament il-htiega li ssir talba specifika ghar-revoka tas-sentenza attakkata.

Kif gie affermat fid-decizjoni a **Vol XXI pII p117**, "oltre alla chiara disposizione della legge concorre a sussidiare l'eccezione preliminare delle convenute la logica legale la quale ci conduce a ritenere che non si puo` domandare la ritrattazzione di una causa finche` sussiste la sentenza colla quale fosse stata quella causa deciza".

Il-posizzjoni kif stabbilita f'dawn is-sentenzi anterjuri ssoktat tigi tramandata, riflessa u accettata f'decizjonijiet aktar recensjuri.

Hekk fis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Joseph Brincat nomine –vs- Albert Mizzi nomine**", Appell, 24 ta' April 1996 gie hekk enuncjat:-

"Hu car (b'referenza ghall-Art. 811, Kap 12) illi hi kondizzjoni sine qua non ta' din il-procedura specjali illi qabel ma kawza tigi trattata mill-gdid, trid tkun giet revokata u mhassra s-sentenza li tkun impunjata. Mhux lecitu ghall-Qorti allura li tibda tikkonsidra u titratta mill-gdid il-kawza jekk ma tkunx qabel annullat is-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni u dana wara d-debita verifika li jkunu jokkorru cirkostanzi li jiggustifikaw li

dan isir fit-terminu ta' xi wiehed jew aktar mis-subincizi ta' l-Artikolu 811. Verifika li l-Qorti tista' taghmel biss jekk ikun hemm talba ad hoc mir-ritrattand li s-sentenza attakkata tigi qabel xejn imhassra". (sottolinear ta' dina l-Qorti)

B'silta riprodotta minn din l-istess decizjoni appena riferenzjata, ssokta jigi rilevat b'applikazzjoni tal-Art. 820 fis-sentenza fl-ismijiet "**Nazzareno Farrugia –vs- John Aquilina**", Appell, 28 ta' Frar 1997, illi dan "l-artikolu jissottolinea r-rekwizit sine qua non li tithassar is-sentenza attakkata. Thassir li ma jistax isir jekk ma jkunx hemm – kif fuq abbondantament spjegat – talba ad hoc tar-ritrattand".

In bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq akkolti minn gurisprudenza ben affermata fuq is-suggett, u li din il-Qorti pjenament tikkondividi, l-aggravju interpost hu destinat li jfalli.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti tichad l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------